**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Gunju 2017**

**Talba Nru: 226/16 CZ**

**Christine Borda**

**vs.**

**Joseph Borda**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attrici mressqa fl-20 ta' Gunju 2016 li permezz taghha premettiet:

Illi l-esponenti titlob illi l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tlett'elef disa' mija u disgha u ghoxrin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€3,929.48) u dana in kwantu

ghas-somma ta' tlett'elef sitt mija hamsa u sebghin Euro u disgha u hamsin centezmu (€3,675.59) rapprezentanti arretrati ta' manteniment u awment ta' l-istess dovuti mill-konvenut lill-esponenti u dan ghall-perjodu bejn Lulju 2015 u Mejju 2016 u in kwantu ghar-rimanenti somma ta' mitejn, tlieta w hamsin Euro u disgha w tmenin centezmu (€253.89) rapprezentanti spejjez inkorsi mill-esponenti ghall-mizati u/jew donazzjonijiet ta' l-iskola ta' l-ulied minuri tal-kontendenti, lezzjonijijiet privati, kotba, trasport u uniformijiet u/jew ghal servizzi medici mehtiega mill-istess minuri u liema spejjez kellu jhallas ghalihom unikament u esklussivament il-konvenut u dan ghall-perjodu bejn Lulju 2015 u Mejju 2016. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment, u bl-imghax legali kontra l-konvenut mid-data mega gie dovut l-ammont relattiv u jew gew zborsati l-ispejjez mill-esponenti. Il-konvenut huwa minn issa stess ingunt in subizzjoni.

Illi permezz ta' risposta prezentata fit-13 ta' Lulju 2016, il-konvenut wiegeb:

1. Illi fl-ewwel lok it-talba ta' l-attrici kif dedotta hija infondata kemm fattwalment u kif ukoll legalment;
2. Illi s-somma indikata mill-attrici rapprezentanti arretrati ta' manteniment, u cioe' s-somma amontanti ghal tlett'elef disa' mija u disgha u ghoxrin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€3,929.48) ma humiex dovuti u dan stante illi l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat illi l-konvenut ma ghandu jhallas l-ebda manteniment ghall-minuri, u dan permezz ta' digriet moghti nhar il-hmistax (15) ta' Gunju tas-sena kurrenti, 2016;
3. Illi di piu', is-somma ta' mitejn, tlieta u hamsin Euro u disgha u tmenin centezmu (€253.89) rapprezentanti spejjez edukattivi u medici allegatament inkorsi mill-attrici ma humiex dovuti u dan stante illi l-attrici qatt ma interpellat lill-konvenut sabiex ihallas tali spejjez, lanqas b'semplicement ricevuta;

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm ta' l-abbli avukati difensuri tal-partijiet;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob hlas kemm ghal arretrati ta' manteniment kif ukoll ghal spejjez ta' sahha u edukazzjoni, u t-talbiet taghha qieghda tibbazahom fuq kuntratt ta' firda personali bejn il-partjiet fl-atti tan-Nutar Dr. Ritienne Bugeja Fenech ta' l-10 ta' Lulju 2009.

Illi dwar iz-zewg materji in kwestjoni, dan il-kuntratt jipprovi specifikatament kemm, minn min, u kull meta ghandu jithallas u dan fi klawsola sebgha (7) ta' l-istess kuntratt.[1]

Illi rrizulta wkoll illi l-partijiet ghamlu kawzi lil xulxin quddiem il-Qorti Civili (Sezzoni tal-Familja), fejn, fi ftit kliem, u limitatament b'referenza ghal dak li jirrigwarda din il-kawza, l-attrici qed titlob emenda fil-kuntratt fuq imsemmi fis-sens li qed titlob li s-somma tal-manteniment tkun tinkludi l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni, filwaqt li l-manteniment jibqa' jithallas sa l-eta' ta' tlieta u ghoxrin sena. Il-konvenut min-naha tieghu, prezenta kontro-talba fejn talab, ukoll limitatament ghal dak li ghandu x'jaqam mal-kawza odjerna, illi tigi affidata lilu l-kura u kustodja tal-ulied minuri tal-partijiet, u sabiex l-attrici tigi kkundanata thallas il-manteniment ghalihom. Fil-kaz li l-ewwel talba tieghu tincahad, il-konvenut talab illi l-kura u kustodja tigi affidata b'mod kongunt bejn il-partijiet.

[1] Fol. 20

Illi t-Tribunal josserva illi fit-talbiet taghhom il-partijiet, kemm wahda u kemm l-iehor, ma ghamlu l-ebda talba sabiex il-Qorti tipprovdi retroattivament ghal fuq xi talba partikolari, u ghalhekk it-Tribunal ma kellux ghalfejn jissospendi dawn il-proceduri ai termini ta' l-Artikolu 7(2)(b) tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-partijiet ghamlu wkoll referenza ghal diversi atti u digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), li jolqtu direttament it-talbiet odjerni, u li t-Tribunal qed jaghmel ri-assunt taghhom sabiex jasal ghas-sentenza tieghu, hekk kif gej:

Illi fl-1 t'Awwissu 2013 u t-2 t'Ottubru 2013 il-partijiet prezentaw, rispettivament, ir-rikors guramentat u l-kontro-talba taghhom.

Illi b'rikors tad-29 ta' Lulju 2015, il-konvenut kien talab lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex takkorda l-kura u kustodja ta' wiehed mill-minuri lir-rikorrent, bi dritt ta' access favur l-intimata. Talab ukoll illi jieqaf l-obbligu tal-hlas ta' manteniment ammontanti ghal hames mija u hames Euro (€505) fix-xahar u dan sakemm wiehed mit-tfal minuri ikun qieghed jirrisjedi ma' missieru r-rikorrenti. Talab ukoll li l-Qorti tordna illi l-intimata omm [illum l-attrici] tiehu hsieb ghall-bzonnijiet kollha ta' wiehed mill-minuri filwaqt li huwa jiehu hsieb ghall-bzonnijiet kollha tal-minuri l-iehor[2].

Illi b'digriet tat-3 ta' Frar 2016[3] il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) laqghet it-talbiet fir-rikors tad-29 ta' Lulju 2015 appena msemmija.

[2] Fol. 106

[3] Fol. 142

Illi b'rikors tal-25 ta' Frar 2016, l-attrici talbet lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex thassar *contrario imperio* id-digriet tat-3 ta' Frar 2016 'limitatament in kwantu dina l-Onorabbli Qorti ipprovdiet illi "tilqa' t-talbiet l-ohrajn" kontenuti fir-rikors tal-konvenut ta' nhar id-29 ta' Lulju 2015, liema talbiet kienu gia' gew michuda bid-digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar il-5 ta' Settembru 2015.

Illi permezz ta' digriet tad-9 ta' Marzu 2016[4], il- Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) laqghet it-talba kif dedotta. Sa dan l-istadju ghalhekk, is-sitwazzjoni kienet illi ladarba il-provvediment dwar l-ewwel talba fir-rikors tad-29 ta' Lulju 2015 ma kienx gie revokat, il-kura u kustodja ta' wiehed mill-minuri kienet affidata lill-konvenut f'din il-kawza, izda f'dak li jirrigwarda l-manteniment is-sitwazzjoni kienet ghadha kif provdew ghaliha l-partijiet fil-kuntratt taghhom ta' l-2009.

Illi sussegwentement, permezz ta' rikors prezentat fil-25 ta' Mejju 2016, il-konvenut f'din il-kawza kienet talab lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex thassar id-digriet taghha tad-9 ta' Marzu 2016. Talab ukoll sabiex il-Qorti tiddikjara illi l-manteniment li ghandu jithallas lill-attrici jkun dak biss ta' mitejn u tnejn u hamsin Euro u hamsin centezmu fix-xahar (€252.50), ghar-raguni hemm imsemmija, filwaqt li talab ukoll illi l-intimata (illum attrici) tivversa manteniment xieraq lilu ghal dak il-minuri li kien hemm jghammar mieghu[5].

Illi l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), permezz ta' digriet taghha tal-15 ta' Gunju 2016[6], laqghet l-ewwel talba, cahdet it-tieni talba, u ma jidhirx li pprovdiet ghat-tielet talba. Is-sitwazzjoni b'dan id-digriet allura kienet illi d-digriet tad-9 ta' Marzu 2016 thassar, u konsegwentement issa kellha ssir referenza mill-gdid ghad-digriet tat-3 ta' Frar

[4] Fol. 153
[5] Fol. 158
[6] Fol. 229

2016, illi kellu jkun id-digriet li jirregola r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet, ghall-inqas matul il-kawza li kien hemm pendenti bejniethom.

Illi permezz ta' dak id-digriet tat-3 ta' Frar 2016, il-Qorti kienet affidat il-kura u kustodja ta' wiehed mill-minuri lill-konvenut, u kienet ukoll ordnat illi jieqaf il-hlas tal-manteniment ammontanti ghal hames mija u hames Euro (€505) fix-xahar, u dan sakemm wiehed mit-tfal minuri ikun qieghed jirrisjedi ma' missieru.  Kienet ukoll ordnat illi l-intimata omm [illum l-attrici] tiehu hsieb ghall-bzonnijiet kollha ta' wiehed mill-minuri filwaqt li l-konvenut jiehu hsieb ghall-bzonnijiet kollha tal-minuri l-iehor.

Illi t-Tribunal jidhirlu illi wara d-diversi rikorsi u digrieti li kien hemm, huwa fl-ambitu ta' din l-ordni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li jehtieg tigi deciza l-kwistjoni odjerna.  Il-partijiet ma jidher li ghamlu l-ebda tentattiv sabiex is-sitwazzjoni hekk kif stabbilita fid-digriet tal-15 ta' Gunju 2016 tinbidel.

Illi f'dan il-punt, it-Tribunal jehtieglu jqis il-provi li gew prodotti illi kienu s-segwenti:

L-attrici pprezentat affidavit[7] li fuqu sejjset it-talbiet taghha ghall-ispejjez u ghall-manteniment, u li fih, kwantu jikkoncerna din il-kawza, spjegat illi l-arretrati ta' manteniment u awment li qed titlob huma dawk ghall-perjodu minn Lulju 2015 sa Mejju 2016.  L-ispejjez l-ohra, oltre l-manteniment, li qed titlob huma ghall-perjodu bejn Lulju u Novembru ta' l-2015.  Esebiet ukoll rendikont tal-mod kif hadmet is-somma ta' manteniment u awment dovuta lilha, kif ukoll ricevuti fiskali u rendikont ghat-talbiet ta' l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha li qed titlob hlas ghalihom.  Matul ix-xiehda taghha, laqghet ukoll ghal diversi skuzi li skond hi l-konvenut qed igib sabiex ma jhallasx dak li

[7] Fol. 53 et seq.

qed titlob. In kontro-ezami[8] qalet li lejn nofs Lulju tas-sena 2015, wiehed mill-minuri mar jghammar mal-konvenut. Minn wara Jannar 2016 ma rceviet l-ebda manteniment minghand il-konvenut.

Il-konvenut ukoll prezenta affidavit[9] fejn ta spjegazzjoni tal-proceduri li saru quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex giet regolata s-sitwazzjoni. Qal ukoll illi l-attrici baqghet tiftah il-kawzi kontrieh fuq nuqqas ta' hlas ta' manteniment, minkejja li taf li ma hija dovuta l-ebda manteniment ghal wiehed mill-minuri. Qal ukoll illi llum iz-zewg minuri qeghdin jghammru mieghu. Dwar l-ispejjez medici qal li l-attrici taghzel li ma turieh b'xejn, imbaghad taqbad u tiftah kawza quddiem dan it-Tribunal. Ta wkoll ir-ragunijiet tieghu ghalfejn ma jaqbilx li ghandu jhallas l-ispejjez ta' l-edukazzjoni u s-sahha. In kontro-ezami[10] il-konvenut meta mistoqsi jekk kienx jaf jekk id-digriet tal-15 ta' Gunju 2016 kienx japplika b'lura ghall-2015 qal li kien hemm id-digriet, u li ried jirrispondi kif irrisponda qabel, u cioe' li kien hemm id-digrieti relattivi. Mistoqsi jekk jafx li l-ispejjez involuti kienu jikkonsistu f'tilqima, cream u medicina, qal li ma jafx. Dwar l-ispejjez ghall-edukazzjoni, mistoqsi l-istess mistoqsija, qal li dak li jaf hu li qabdet u nfethet din il-kawza.

Illi t-Tribunal ra x-xiehda wkoll ta' Charles Zerafa[11] li qal li jiggestixxi flimkien mal-mara hanut tal-kotba, u li l-konvenut l-ewwel darba kien hallas ghall-kotba ta' l-iskola tat-tfal tard, u eventwalment hallas. Il-konvenut ma kienx jordna kotba minghandhom – huma kienu jikkomunikaw ma' l-attrici. Meta kien hemm kwistjoni dwar il-hlas, kienu cemplu lill-konvenut.

[8] Fol. 100
[9] Fol. 230
[10] Fol. 245
[11] Fol. 91 et seq.

Illi l-attrici min-naha taghha qieghda ssostni illi d-digriet tal-15 ta' Gunju 2016 ma kellu l-ebda effett retro-attiv, u allura l-konvenut gie mehlus mill-obbligu tieghu li jhallas il-manteniment minn dakinhar biss u mhux mit-3 ta' Frar 2016, meta nghata l-ewwel digriet wara r-rikors tal-konvenut tad-29 ta' Lulju 2015. It-Tribunal ma jaqbilx ma' din is-sottomissjoni, ghaliex il-fatt illi d-digriet tad-9 ta' Marzu 2016 gie revokat permezz ta' digriet iehor tal-15 ta' Gunju 2016 kien ifisser illi r-relazzjoni baqghet regolata minn dak id-digriet li allura ma kienx gie revokat, u cioe' dak tat-3 ta' Frar 2016. Il-konvenut kien ghadu ghalhekk *per massimo* marbut li jhallas manteniment propju sa dakinhar li nghata d-digriet tat-3 ta' Frar 2016. Id-digriet tal-15 ta' Gunju 2016 ma jistax jigi kunsidrat *in vacuo*, minghajr ma wiehed jaghmel referenza ghad-digriet precedenti, u li baqghu effettivi. It-Tribunal jikkonsidra illi l-fatt illi l-konvenut ma wegibx ghar-rikors tal-25 ta' Frar 2016 ta' l-attrici kkomplika l-affarijiet, ghaliex jidher li l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kienet laqghet dak ir-rikors ta' l-attrici propju ghaliex ma kienx hemm risposta; izda xorta jibqa' l-fatt illi wara r-rikorsi u d-digrieti kollha li saru, l-effett ahhari kien illi baqa' effettiv id-digriet tat-3 ta' Frar 2016.

Illi din il-konsiderazzjoni ghalhekk twassal sabiex l-attrici ghalhekk ikollha l-jedd li tithallas l-arretrati u awment tal-manteniment minn Awwissu 2015 sat-3 ta' Frar 2016. Il-konvenut ma gab l-ebda prova li dan il-manteniment u awment thallas, ghalhekk it-Tribunal qieghed jikkonkludi li dan l-ammont ghadu dovut. Jekk wiehed juza t-tabella mhejjija mill-attrici stess, u cioe' dik a fol. 66, li ma giet bl-ebda mod kontestata, wiehed jara illi l-attrici qed titlob l-ewwel manteniment u cioe' dak korrispondenti ghal Awwissu 2015. Ghas-sitt xhur sussegwenti, u cioe' sa l-ahhar ta' Jannar 2016, il-manteniment li qed titlob huwa ta' mitejn u tnejn u hamsin Euro u hamin centezmu (€252.50) fix-xahar, u t-total ghalhekk jammonta ghal elf, hames mija u hmistax-il Euro (€1515). Jekk wiehed iqis ukoll jumejn fi Frar, u cioe' sa ma nghata d-digriet tat-3 ta' Frar 2016, u jikkalkula proporzjonatament ghal dak li kellu jithallas fi Frar 2016[12], mat-total appena msemmi

[12] Wara li wiehed iqis illi l-attrici, fuq medda ta' sena kellha tithallas sitt'elef u sittin Euro (€6,060) f'manteniment, u konsegwentement, f'leap year bhal ma kienet is-sena 2016, l-ammont ta' manteniment ghal kull jum kien ta' sittax-il Euro u hamsa u hamsin centezmu (€16.55).

ghandu jzid ukoll somma ohra ta' tlieta u tletin Euro u hdax-il centezmu (€33.11), biex b'hekk jasal ghal total ta' **elf, hames mija u tmienja u erbghin Euro u hdax-il centezmu (€1,548.11).**

Illi f'dan il-punt it-Tribunal josserva illi l-attrici kellha wkoll il-fakulta' illi titlob lill-principal tal-konvenut sabiex inaqqas dan il-manteniment mill-paga tal-konvenut, haga li ma jidhirx lanqas li ghamlet.

Illi in kwantu jirrigwarda l-ispejjez kif elenkati a fol. 69 tal-process, l-attrici rnexxielha tipprova illi dawn l-ispejjez kienu dovuti, kemm minhabba n-natura ta' l-ispejjez minfuqa, kif ukoll permezz tar-ricevuti esebiti. L-eccezzjoni illi ta l-konvenut illi m'ghandux ihallas ghal dawn l-ispejjez ghaliex l-attrici ma kinitx avzatu bihom ma tregix, u dan anke ghaliex m'hemm provdut xejn f'dan is-sens fil-kuntratt ta' bejn il-partijiet – din tista' se mai tirrifletti biss fil-mod kif ha jigu mqassma l-ispejjez ta' din il-kawza izda ghal xejn aktar (u fil-fatt ma jirrizultax lit-Tribunal li l-attrici interpellat lill-konvenut ghall-hlas ta' dawn l-ispejjez qabel il-kawza odjerna). Il-kuntratt huwa car u fi klawsola sebgha (7) jipprovdi b'mod car illi l-ispejjez mitluba f'din il-kawza ghandhom jithallsu mir-ragel wahdu[13], u dan anke peress li l-ispejjez tas-sahha li qed jintalbu jirreferu ghal medicini, u ma jistghux jigu klassifikati bhala servizzi medici li l-istat ma joffrix b'xejn. F'kull kaz, il-konvenut ma gab l-ebda prova illi dak mitlub mill-attrici, l-istat jista' joffrieh b'xejn. Kwantu jirrigwarda l-ispejjez ta' l-edukazzjoni li qed jintalbu, dawn huma ghal kotba ta' l-iskola, kif ukoll ghal zarbun u papocc illi jitqiesu parti mill-uniformi ta' l-iskola, u ghalhekk huma spejjez li pjenament jaqghu fil-kategoriji elenkati fl-imsemmija klawsola sebgha (7) fil-kuntratt ta' bejn il-partijiet. Ghalhekk it-Tribunal jikkonkludi li l-ammont ta' **mitejn u tlieta u hamsin Euro u disgha u tmenin centezmu (€253.89)** mitlub mill-attrici ghal dawn l-ispejjez huwa wkoll dovut.

[13] Sottolinear tat-Tribunal

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' parzjalment it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, jichad il-bqija ta' l-eccezzjonijiet tieghu, u konsegwentement jilqa' t-talbiet ta' l-attrici limitatament ghas-somma ta' elf, hames mija u tmienja u erbghin Euro u hdax-il centezmu (€1,548.11) kwantu ghall-manteniment u awment, u ghal mitejn u tlieta u hamsin Euro u disgha u tmenin centezmu (€253.89) kwantu ghal spejjez ta' edukazzjoni u sahha kif mitluba, u ghalhekk qieghed jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma globali ta' elf, tmin mija u zewg Euro (€1,802), bl-imghax mid-data ta' meta gie dovut kull ammont ta' manteniment fil-kaz tal-manteniment, u mid-data ta' meta saret kull spiza fil-kaz ta' l-ispejjez, sad-data tal-hlas effettiv. L-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru, ghandhom jithallsu in kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-konvenut, filwaqt li kwantu ghal terz (1/3) mill-attrici.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur